MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 152/2007

**Publi c Broadcasting Services Limited (C 13140)**

**Vs**

**Jamie Mercieca**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Frar, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` tliet mitt lira u disghin centezmu (Lm 300.90), rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut ghal servizzi lilu rezi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` Mejju, 2006 u bl-interessi skond il-ligi kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 16 ta` Marzo, 2007 fejn preliminarjament eccepixxa l-

intempestivita` ta` l-azzjoni odjerna in vista tal-fatt li l-hames fatturi in kwistjoni ma kienux iffirmati minnu u fit-tieni lok u in sustanza li t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici minn issa ngunta in subizzjoni.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali rispettivi li rrimettew ruhhom ghal provi migjuba.

Ikkunsidra.

Illi l-kwistjoni kollha f'dan il-kaz tikkoncerna l-fatt jekk ir-reklami li baqghu mhux imhallsa kienux fil-fatt gew ikkontrattati o meno mill-konvenut. Dan huwa proprju l-punt ta` disgwid bejn iz-zewg partijiet u fid-dawl tac-cahda kategorika da parti ta` l-konvenut kif jidher anke mill-ittri legali mibghuta mill-konsulent legali tieghi qabel ma giet intavolata din il-kawza wiehed ghandu jara jekk is-socjeta` attrici resqietx provi sufficjenti u soddisfacenti o meno f'dan ir-rigward.

Illi mill-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal ghandu jirrizulta li s-socjeta` attrici naqset tassew li tressaq evidenza li b'xi mod torbot ir-reklami in kwistjoni ma` l-agir tal-konvenut ossia ma` xi ordni maghmula mill-konvenut.

Jirrizulta li l-kuntratti in kwistjoni mmarkati Dok. RMD 1 sa RMD. 6 u ezebiti mix-xhud Mamo Degiovanni ma humiex iffirmati mill-konvenut izda biss minn ufficcjal tal-PBS certu Raymond Libreri u dan ta` l-ahhar ghalkemm gharaf il-firma tieghu fuq kull dokument ma jafx min kienet il-persuna li ghamlet tali ordni – addirittura xi whud minnhom saru minn zmien qabel ma dahal jahdem fis-sales department. Anke x-xhud Mamo Degiovanni ma tafx min ghamel l-ordnijiet relattivi anzi zzid tghid li l-kuntratti ma kienux intbaghatu lill-konvenut peress illi ma kienux jinsabu ffirmati minnu. Dawn iz-zewg xhieda msemmija, t-tnejn jikkonfermaw li kemm il-darba jigri l-kaz li l-ewwel isir ir-reklam u in segwitu jigi ffirmat il-kuntratt in kwistjoni,

prassi hazina ferm fl-opinjoni tat-Tribunal partikolarment meta l-anqas biss tkun taf min ikun ordna tali reklam partikolari.

Il-konvenut da parti tieghu jikkonferma li l-kuntratti ezebiti ma fihom ebda firma minn tieghu – li kull darba li ordna r-reklami huwa dejjem iffirma l-kuntratt minn qabel u gieli anke hallas in kontanti dak il-hin stess u - fl-ahhar nett li huwa qatt ma awtorizza lil hadd biex jordna xi reklami ghan-nom tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq nuqqas ta` provi soddisfacenti huwa qieghed jirrespingi t-talba tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------